

# IS-SENGĦA TAL-INSIĠ BIN-NEWL U L-EFFETTI TAGĦHA

kitba ta' **Anton F. Attard**

Dari d-drapp kollu li kienu jeħtieġu niesna kien jinħadem lokalment fuq in-newl. In-newl huwa dik il-magna tal-injam li titħaddem bl-idejn biex biha jintiseġ id-drapp. Imma qabel ma n-nissieġa tkun tista' tibda taħdem ikun jeħtieġilha li ssib il-ħajt lest, li xi ħadd iqiegħdu fin-newl biex hekk ikollha kollox ippreparat kemm tibda taħdem billi tgħaddi l-mekkuk minn naħa għal oħra, skond id-disinn li tkun se tagħmel u skond liema drapp tkun se taħdem.

Mhux il-ħsieb tagħna llum li ngħidulkom kif inhu magħmul in-newl, kif isir ix-xogħol b'din il-magna tradizzjonali, u liema disinni jinħadmu. Imma se nsemmu xi drappijiet u ħwejjeġ li jinħadmu bin-newl u l-vantaġġi li kellhom fuq il-ħwejjeġ ta' llum. Naħsbu li hawn min se jistagħġeb meta jaqra dan il-kliem, imma hekk hu. Ċerti ħwejjeġ tradizzjonali tan-newl kellhom vantaġġ fuq il-ħwejjeġ ta' barra li nilbsu llum.

Qabel xejn, il-ħjut li n-nissieġa kienet taħdem id-drapp minfejn kienu jiġu? Il-materja prima li biha jinħadmu l-ħjut tinsab fis-suf tan-ngħaġ u fil-qoton. Is-suf tan-ngħaġ, wara li jinġeżż minn fuq l-annimal, jinħasel, jitnixxef, jintifex u fl-aħħar jagħżluh fuq ir-raddiena jew fuq il-magħżel biex isir ħajt, dejjem ta' ħxuna skond għalfejn ikun se jintuża. Il-qoton, irid iktar xogħol għax meta jinqata' mill-bidwi, irid jinħaleġ biex isir maħluġ, imbagħad jindaqq għand id-daqqaq biex isir tajjar, u mbagħad irid jingħażel biex isir ħajt.

Bil-ħjut tas-suf u tal-qoton in-nissieġa tinseġ id-drappijiet tagħha fuq in-newl u tuża l-materjal li jkollha bżonn skond xi drapp tkun se tinseġ: jew suf biss, jew tajjar biss jew taħlita, daqqa iżjed suf, daqqa iżjed tajjar, jew nofs bin-nofs. In-nissieġa taħdem affarijiet li jintużaw minn kulħadd: lożor, fradi, imtieraħ, investi, xugamani, srievet, u ħwejjeġ skond il-kostum nazzjonali jew skond il-gosti. Taħdem ukoll affarijiet għat-tiżjin tad-dar bħalma huma l-purtieri.

Qabel l-aħħar Gwerra Dinjija niesna kienu jagħmlu użu sħiħ mis-suf u mill-qoton biex jaħdmu dawk id-drappijiet li jkollhom bżonn. Wara l-Gwerra, imbagħad bdew deħlin kull xorta ta' drappijiet minn barra, u aktar ma għadda ż-żmien, aktar bdew jinħolqu ħjut artifiċjail li, għalkemm għandna mnejn ma nagħtux kas, mhux dejjem huma tajbin għas-saħħa. Il-ħjut sintetiċi jistgħu joħolqu l-fwawar



u l-infafet ta' l-irritazzjoni; is-saqqijiet jew imtieraħ tal-plastik jistgħu jxerrdu l-mard minkejja li fid-dehra wieħed jaħsibhom iġjeniċi ħafna. Għalhekk, illum insibu li tobba jordnaw biex f'każijiet ta' ċertu mard tintlibes il-flanella, jew it-terħa magħmula mit-tajjar. Bħal dari hawn min ikollu ordnat li juża t-trieħi għad dahar minħabba xi wġigħ li jista' jkollu. Dan ifakkarna fil-ħrieqi li fl-antik kienu jfisqu t-trabi bihom, li kellhom użu partikulari: tajbin għad-dahar biex iżomm dritt, biex jiddrittaw saqajn it-tarbija li jistgħu jkollhom ħabta li jintgħawġu, u dan dejjem b'materjal naturali li ma jagħmel ebda ħsara. Xugamani apposta maħdumin bin-newl huma tajbin ħafna għal min ikun ibati bil-ħafas.

B'dana kollu ma rridux ninsew it-tradizzjonijiet tagħna li huma biex ngħidu hekk imżewqin bit-tradizzjoni tal-kostumi folkloristiċi lokali. Għalkemm b'xorti ħażina x-xogħol tan-newl kien kważi ġie fix-xejn, aħna l-Għawdxin ninsabu ffortunati li għandna lil Alda Bugeja, mgħallma per eċċellenza tax-xogħol ta' l-insiġ. Alda tgħallmet is-sengħa mingħand ommha sa minn meta kellha ħames snin. Jingħad li "Bin is-sengħa għandu nofsha." Meta ħakmet is-sengħa sewwa, bdiet ukoll tesperimenta biex toħloq disinni u prodotti ġodda.



Sa mill-1980 Alda Bugeja baqgħet tieħu sehem f'wirjiet, esibizzjonijiet u fieri, kemm f'Malta u Għawdex kif ukoll barra minn Malta biex kemm jista' jkun tippromwovi din is-sengħa antika. Għalhekk rajnieha tesibixxi fit-*Trade Fairs* ta' Malta, fil-Kavalier ta' San Ġakbu, il-Belt Valletta, f'Gotland, l-Isveżja, f'Torin, l-Italja, u postijiet oħra. Tat korsijiet dwar kif wieħed jieħu ħsieb is-suf tan-ngħaġ fiċ-Ċentru ta' l-Universita'. F'Novembru, 2000 ħadet il-premju prestiġjuż *Award for Achievement in Industry* mill-Ministeru tas-Servizzi Ekonomiċi. Kienet il-Konsulenta ewlenija tad-dokumentarju *A Glimpse of Wool* li kien rebaħ il-premju pretiġjuż ta' l-Agricultural Festival. Illum hija tgħallem l-insiġ fl-iskejjel tal-Gvern u lesta tgħallem u tgħin lil kull min jinteressa ruħu u jrid jitgħallem.

Konxja mill-importanza tat-tradizzjonijiet tagħna, u billi taf kemm il-barranin jinteressaw ruħhom u jkunu jridu jafu iżjed dwar is-snajja partikulari tagħna, Alda ħadmet il-kostumi għall-diversi gruppi folkloristiċi biex flok wieħed tas-satin, ikollhom wieħed verament lokali, magħdum fuq disinn lixx u disinn tal-qamar bl-ilwien: ismar, iswed u lewn it-te bil-ħalib, kuluri tradizzjonali, u f'okkażjoni oħra bil-kuluri tas-sinjuri iswed u abjad, tal-qoton, imma iswed.

Ta' kull sena Alda Bugeja, tieħu sehem fil-festival annwali Festubru li jittellgħa ġewwa l-Wied tal-Lunzjata mill-Għaqda Mużikali San Girgor. Tajjeb li wieħed jiġi għal din il-festa biex ikun jista' jara kif isir il-ħasil tas-suf tan-ngħaġ, kif jagħżlu s-suf u t-tajjar biex jagħmluh ħajt, x'ikun in-newl u x-xogħol tal-insiġ li jsir fuqu, u anki jkunu hemm esposti oġġetti sbieħ ta' l-insiġ maħduma bl-idejn li wħud minnhom ikunu jistgħu jiġu akkwistati wkoll.

It-tieni edizzjoni ta' FESTUBRU – festival ta' tradizzjoni, ikel u folklor, organizzat mill-Kumitat Organizzattiv fi ħdan l-Għaqda Mużikali San Girgor ta' Kerċem, irriżulta f'suċċess kbir minn kull aspett.

Il-festival organizzat fuq firxa ta' tlett ijiem sħaħ (l-1,it-2 u t-3 ta' Ottubru) fil-Wied pittoresk tal-Lunzjata, reġá ġibed mijiet ta' Għawdxin, Maltin u barranin li approfittaw minn ġranet sbieħ ikkaratterizzati minn xemx sħuna u bnazzi u rħewlha lejn dan il-post ta' natura mill-isbaħ biex igawdu l-atmosfera unika u l-attrazzjonijiet partikulari li ġew organizzati fl-okkażjoni ta' dan il-festival annwali.

Il-festival fetaħ propju il-Ġimgħa 1 ta' Ottubru meta fil-għodu mijiet ta' tfal minn skejjel primarji differenti f'Għawdex ġew murija l-importanza ambjentali u storika ta' dan il-Wied u murija d-diversi attrazzjonijiet li qanqlu interess partikulari fost it-tfal u l-għalliema tagħhom li akkumpanjawhom. It-tfal setgħu ukoll jaraw il-kappella tal-Lunzjata filwaqt li ngħataw spejgazzjoni dettaljata tal-istorja antika tagħha. Filgħaxija imbgħad sar il-ftuħ uffiċċjali tal-festival FESTUBRU mill-Ministru għal Għawdex l-Onorevoli Giovanna Debono, is-Sindku ta' Kerċem Joe Grima u l-President tal-Għaqda Dr. Joshua Grech. Aktar tard ġiet miftuħa t-Tverna tradizzjonali tal-Inbid Għawdxi u l-imwejjed b'ikel tradizzjonali li baqgħu miftuħa tul it-tlett ijiem ta' attivitajiet. Sadanittant fuq il-palk prinċipali il-grupp Ta' Verna Folk Band anima serata pjaċevoli permezz ta' daqq fuq strumenti etniċi. Intant biswit il-Għajn tal-Lunzjata, aktar l-isfel fil-Wied, diversi poeti u kittieba Għawdxin ferrħu lil dawk preżenti bil-qari ta' diversi poeżiji u siltiet oħra letterarji marbuta mat-tema tan-natura u l-ambjent, l-istorja u l-Wied tal-Lunzjata.

Il-ġurnata tas-Sibt sabet numru sabiħ ta' persuni, li filgħodu kellhom l-opportunitá jiġu mdawwra mal-wied u l-akwati tiegħu u ngħataw spjegazzjoni dettaljata mis-Sur Joe Grima B.A. Tul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu mijiet ta' nies u familji, b'mod speċjali Maltin, għażlu li jinżlu jiskopru l-ġmiel naturali ta' dan il-wied u llkoll baqgħu imsaħħra bil-ħemda, bil-ħdura, bl-ilma frisk u ġieri u bis-sbuħija naturali tal-inħawi. Aktar tard matul il-jum ġew miftuħa mill-ġdid l-esibizzjonijiet u l-attrazzjonijiet prinċipali fosthom il-bhejjem tar-razzett tipiku, l-għerien, il-proċess tal-ħasil tas-suf u l-insiġ tiegħu, it-tverna tal-inbid...eċċ. Ma' nżul ix-xemx mijiet ta' fjakkli taw dehra stupenda lill-wied li flimkien mal-illuminazzjoni kulurita bidlu d-dalma u l-ħemda naturali tal-wied f'astmosfera msaħħra ta' tpetpit u kuluri. Sadanittant għall-ħabta tas-7.00p.m. il-Grupp tax-*Xagħra Historical Re-enectment Organisation* ippreżenta parata militari li wasslet lill-Gran Mastru Perellos u l-*entourage* tiegħu 'l ġewwa minn Bieb is-Sultan li fi żmien il-Kavallieri kien jagħlaq l-aċċess tal-wied għaċ-ċittadini biex ikun riservat interament għad-delizzju tal-GranMastru – il-kaċċa. Aktar tard fuq il-palk prinċipali ingħata bidu għall-spettaklu ta' kant, żfin u rappreżentazzjonijiet ta' snajja tradizzjonali mill-*Astra Folk Group* u *Centre Stage Dance Accademy* sa tard filgħaxija. Propju l-mijiet ta' nies li ħonqu l-inħawi kollha għaddew serata pjaċevoli sa tard bil-lejl, min bit-tazza tal-inbid f'idu, min jiekol il-qassatat u l-ftira tradizzjonali u min jixtri l-prodotti bnini u friski ta' frott, ħaxix u ħelu.

L-aħħar ġurnata tal-festival – il-Ħadd sebħet ukoll bil-bnazzi u dan kien fattur ieħor li għen fis-suċċess ta' din l-attivitá. Sa minn kmieni filgħodu kont tista tara diversi karozzi pparkjati fuq l-Arkata u n-nies neżlin u telgħin mill-wied bit-tfal żgħar, uħud minnhom igawdu l-arja pura u l-fwieħa ta' dan l-imkien għall-ewwel darba f'ħajjithom. Fil-għaxra ta' filgħodu reġgħet ġiet organiżżata għal darb'oħra l-logħba tradizzjonali tal-Brilli bis-sehem ta' diversi anzjani esperti tal-logħba u rġiel oħra dilettanti jew kurjużi li segwew b'attenzjoni l-andament ta' din il-logħba antika. Intant ħdejn il-Kappella tal-Lunzjata diversi oħrajn setgħu jsegwu attivitá oħra karatterizzata bil-għana tradizzjonali, daqq tal-kitarri u makjetti. F'nofsinhar imbagħad ġiet servuta ikla tradizzjonali għawdxija, fuq il-post stess. Wara nofsinhar saret wirja spettakolari b'diversi għasafar tal-priża fosthom falkuni, isqra u speċi oħra endemiċi, li ġibdet mijiet ta' dilettanti li setgħu jaraw dawn l-għasafar mill-qrib. Filgħaxija imbagħad, inżamm spettaklu ta' daqq bil-madolina u strumenti oħra tradizzjonali li akkumpanja l-ħafna viżitaturi li sa trad filgħaxija komplew neżlin lejn il-Lunzjata igawdu l-aħħar mumenti ta' dan il-festival.



M'hemm'x dubbju li din it-tieni edizzjoni ta' Festubru kienet għal darb' oħra okkażjoni li fiha mhux biss ingħatat promozzjoni lil-lokalitá tagħna, b'mod partikulari l-Wied il-Lunzjata, imma wkoll għamlet unur lill-organizzaturi: il-Kumitat tal-Għaqda Mużikali San Girgor ta' Kerċem, u l-Kumitat Organizzattiv fi ħdanu li kien responsabbli mill-Festival FESTUBRU. Grazzi kbira tmur ukoll lill-Ministeru għal-Għawdex li emmen f'din l-inizzjattiva u ssapportja anke finanzjarjament parti mill-organizzazzjoni. Is-suċċess jitkellem waħdu, il-konkorrenza massiċċa u l-interess li tqanqal fil-wirt naturali, storiku u ambjentali ta' din l-attivaitá jimliena bil-kuraġġ biex nħarsu l'quddiem lejn it-tielet edizzjoni ta' FESTUBRU b'determinazzjoni u b'impenn ikbar.